**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 332/06**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert N. Ciappara)**

**vs**

**Paul Spagnol**
**(ID 224267(M))**

**Illum: 8 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat jinsab akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2004:

Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwr il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi biex turi li r-rekwiżiti meħtieġa ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti;[1]

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat ukoll id-digriet tagħha tat-13 ta' Mejju 2019, li permezz tiegħu, fuq talba tad-difiża, ħatret lill-espert il-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga eroina fiż-żmien tal-każ odjern – u ċioe` bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2004;

Rat ir-relazzjoni ppreżentata minn Dr. Roberta Holland fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2020, kif ukoll ix-xhieda tagħha tal-istess jum;

Rat ukoll l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar din it-talba tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, kif ingħad, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina u dan b'referenza għal-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' April 2004, wara li allegatament, fil-lejl in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess tal-istess droga meta ġie mwaqqaf ġewwa l-Marsa.

Illi in sostenn tat-talba tagħha u b'mod partikolari għal dak li jiddisponi l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ingħad iżjed 'il fuq, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex taħtar espert bil-għan illi jiġi determinat jekk fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga eroina.

Mir-relazzjoni tal-espert nominat minn din il-Qorti ossia l-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland, jirriżulta illi wara li hija assessjat lill-imputat bil-mod spjegat minnha fl-istess relazzjoni tagħha, hija kkonkludiet hekk:

---

[1] Ara a fol. 94 tal-proċess.

“**7. Assessjar Strutturat**

***Structured Clinical Interview for DSM-5 Disorders (SCID-5-CV)***

Meta kien amministrat l-SCID-5-CV[2], dan kien użat speċifikatament biex jesplora l-użu tad-droga abbażi tad-DSM-5. Skond id-DSM-5, din il-problema hija kwalifikata bil-preżenza ta' sintomi konjuttivi, ta' mġieba, u dawk fiżjoloġiċi kemm il darba l-individwu jibqa' jagħmel użu mis-sustanza minkejja li huwa jesperjenza problemi relatati ma' dan l-użu, (DSM-5, pg. 483). Id-DSM-5 isemmi għaxar klassifikazzjoni ta' sustanzi li jinkludu l-eroina (DSM-5, pg. 481).

Il-kriterji li permezz tagħhom issir djanjożi jistgħu ikunu klassifikati f'erba' oqsma. Dawn jinkludu nuqqas ta' kontroll fl'uzu (*impaired control*); diffikultajiet soċjali (*social impairment*); użu riskjuż (*risky use*); u effetti farmakoloġiċi (*pharmacological criteria*). Dawn il-fatturi huma evalwati permezz ta' ħdax-il kriterju fejn il-preżenza ta' tnejn jew tlett sintomi tindika li l-problema hija żgħira (*Mild*); il-preżenza ta' erba' jew ħames sintomi tindika problema moderata (*Moderate*); u l-preżenza ta' sitta jew iktar sintomi tindika problema severa (*Severe*). Il-preżenza tas-sintomi hija evalwata fuq perijodu ta' 12-il xahar (DSM-5, 2013, pg.483).

Fil-każ ta' l-imputat, il-perjodu li kien identifikat bħala validu għall-evalwazzjoni kien dak ta' bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2004, kif indikat fil-mistoqsija tal-Qorti. Ittieħdu in konsiderazzjoni ix-xhur jew żmien meta l-imputat naqqas mill-użu tad-droga meta kien f'ambjent kontrollat peress li dan huwa indikattiv sabiex wieħed jevalwa il-livell ta' dipendenza.

**Eroina**

**DSM-5, Opioid Use Disorder (DSM-5, 2013, pg. 541).**

Mill-istorja li ta l-imputat jidher li fis-sena 2004 huwa kien wieqaf mid-droga. F'dan iż-żmien, kien għadu kif spiċċa mill-programm tal-Caritas f'San Blas wara li kien għadu kif għamel madwar 33 xahar fil-programm tal-ħabs minn fejn kien ħareġ f'Diċembru tal-2003. Għalhekk, ma jidhirx li fis-sena 2004 kien dipendenti mid-droga u ma jimmarka fl-ebda kriterju ta' diżordni fl-użu jew ta' dipendenza.[3] (enfasi miżjuda)

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, l-espert Dr. Roberta Holland ikkonkudiet bil-mod segwenti dwar l-imputat:

[2] *Structured Clinical Interview for DSM-5 Disorders.*

[3] Ara a fol. 125 u 126 tal-proċess.

> "Mill-analiżi kollha li saret, u meta wieħed jikkunsidra l-informazzjoni kollha miġbura mill-intervisti ma' l-imputat, mill-assessjar strutturat, mill-evalwazzjoni klinika, u mir-rekords li kienu konsultati, wieħed jikkonkludi li l-imputat kien dipendenti fuq id-drogi eroina u kokaina sas-sena 2000.
>
> Wara dan, ma hemmx evidenza li turi li huwa kien qiegħed jagħmel użu mid-droga. Dan ifisser, li f'Diċembru ta' l-2004, huwa kien għadu ħiereġ minn ambjent kontrollat fejn kien jinsab għall-erba' snin ta' qabel, huwa ma kienx dipendenti mill-ebda sustanza."[4] (enfasi miżjuda)

Il-Qorti tinnota illi din il-konklużjoni tal-espert issib sostenn ukoll fix-xhieda tal-istess imputat tal-14 ta' Ġunju 2010, fejn huwa jgħid b'referenza għad-droga, illi "*ilni wieqaf fuq 9 snin*".[5]

Għalhekk fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-espert Dr. Roberta Holland u anke mix-xhieda tal-imputat stess f'dawn il-proċeduri, ma jirriżultax illi fiż-żmien tal-każ odjern, ossia f'Diċembru 2004, l-imputat kien dipendenti fuq id-droga eroina u għaldaqstant wieħed mir-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissussistix.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiċħad it-talba tad-difiża sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**

---

[4] A fol. 128 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 60 tal-proċess.